# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April, 2024.**

**Numru 32**

**Rikors numru 38/16/2 SG**

**Karkanja Limited (C-27062)**

**v.**

**Carmel u Rose Mary Galea**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu digriet dwar rikors ippreżentat fit-2 ta' April 2024 mill-appellant Carmel Galea li permezz tiegħu qiegħed jitlob ir-rikuża ta' wieħed mill-Imħallfin sedenti billi dan kien vittma ta' aġir kriminali tal-appellant u kien involut fi proċeduri kriminali bħala vittma tal-istess offiżi. L-inċident ġara

fis-16 ta' Jannar 2002 – kważi kwart ta' seklu ilu - u s-sentenza ngħatat fid-9 ta' Marzu 2006.

2. L-appellant jagħraf li din mhix waħda mir-raġunijiet elenkati fl-Art. 734(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Madanakollu, jiċċita sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li jużaw parametri iktar wiesa' minn dawk tal-kodiċi ritwali tagħna.

3. L-appellant iħoss li l-inċident imsemmi jista' jinfluwenza l-imparzjalità u s-serenità tal-istess Imħallef.

Ikkunsidrat:

**Raġunijiet għal rikuża imniżżla fil-Kap. 12 mhumiex *numeros clausos.***

4. L-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jartikolaw il-jedd ta' kull persuna għal smigħ ġust u pubbliku minn tribunal indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi waqt kontestazzjoni tad-drittijiet u obbligazzjonijiet ċivili tagħha. Dan il-jedd jinsab fil-qalba tat-tħaddim ta' demokrazija robusta u liberali mħaddma taħt is-saltna tad-dritt. Ma jistax ikun hemm saltna tad-dritt mingħajr ġudikatura imparzjali u indipendenti. Imħallfin li ma jiddependu

minn ħadd, u li ma jkunux infettati b'xi interess jew preġudizzju favur naħa jew oħra tal-partijiet li jidhru quddiemhom biex iħarsu d-drittijiet tagħhom. Mingħajr dan l-aċċess għall-ħarsien mill-għassiesa indipendenti u imparzjali, id-drittijiet l-oħrajn jibqgħu fuq il-karta iżda fil-verità jisfumaw fix-xejn.

5. L-ilment tal-appellant f'din il-kawża ma jestendix għall-indipendenza ta' din il-Qorti billi huwa ristrett għall-allegat imparzjalità ta' wieħed mit-tlett Imħallfin sedenti.

6. Il-kodiċi ritwali tagħna, permezz tal-Artiklu 733 tiegħu, jagħti lista ta' raġunijiet għal rikuża jew astensjoni ta' Mħallef li fil-qosor jikkonsistu fil-qrubija tiegħu ma', jew ikun tutur, kuratur, werriet jew prokuratur ta' xi parti; qrubija mal-avukati difensuri; ikun involut b'xi mod fil-kawża billi jkun ħareġ xi flus għaliha, jkun xhud, ikun ta parir dwarha, jew tkun diġà ġiet quddiemu; hu/hi jew martu/żewġha jkollhom interess dirett jew indirett kif tinqata' l-kawża; jew ikollhom kawża kontra xi parti jew ikunu kredituri jew debituri tagħha. Skont l-Artiklu 733, dawn ir-raġunijiet huma tassattivi billi l-ebda rikuża jew astensjoni ma tista' ssir jekk mhux għal xi waħda minnhom, anke jekk il-leġiżlatur żied l-għadd u x-xorta ta' raġunijiet speċjalment f'dawn l-aħħar snin[1] – li juri li wara kollox ir-raġunijiet għar-rikuża jew astensjoni *cannot be cast in stone* minkejja l-pretenzjonijiet tal-

[1] Att XLVI.1973.108; XXIV.1995.281; IX.2004.11; VII.2007.22.

leġiżlatur li jkun qiegħed ikoprihom kollha bil-monopolju li, almenu mis-seklu tmintax sa żminijiet moderni, kien jippretendi li għandu fuq il-produzzjoni leġiżlattiva.

7. L-introduzzjoni fil-liġi tagħna tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea ġiebet fonti ta' dritt ġodda u ġerarkikament superjuri għall-kodiċi ritwali b'mod li llum minkejja dak li jgħid l-Artiklu 733 jista' jkun hemm għadd indeterminat ta' raġunijiet oħra bażi tar-rikuża jew astenzjoni, abbażi tal-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li jesiġu li s-smigħ tal-kawżi jsir minn tribunal indipendenti u mparzjali.[2] Raġunijiet li jiġu identifikati u elaborati mill-ġurisprudenza kemm tal-pajjiżi firmatarji tal-Konvenzjoni kif ukoll mill-Qorti sopranazzjonali tad-Drittijiet Umani ta' Strasburgu.

**Imparzjalità soġġettiva u imparzjalità oġġettiva**

8. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem evolviet id-distinzjoni bejn imparzjalità **soġġettiva** u dik **oġġettiva**. Fis-sentenza **Hauschildt v. Denmark** (1989) hekk fissret id-distinzjoni bejniethom:

> *"The existence of impartiality for the purposes of Article 6 para. 1 (art. 6-1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case,*

---

[2] Ara per eżempju sentenzi Qorti Kostituzzjonali Sant vsKummissarju tal-Pulizija 2/4/90; Cachia vs Onor.Prim Ministru et 10/10/91; Bugeja et vs Onor.Prim Ministru noeet 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor.Prim Ministru et 1/11/96); Dr. A. Mifsud vs On. Prim Ministru et - 17 ta' Lulju 1996.

> *and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect.[3]"*

9. F'dan il-każ, l-ilment tal-attur huwa limitat għall-allegat nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva. Ingħad li:

> *"Under the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's personal conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused. Accordingly, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw.[4]"*

***Fair minded and informed observer***

10. B'danakollu huwa intuwittiv li mhux kull biża' ta' imparzjalità għandu jwassal għal rikuża. Il-Professur Phun iwissi li:

> *"The law of judicial recusal contributes to the quality of the justice system but at the same time can be manipulated by a party to a litigation who is disappointed by the outcome and who is seeking an opportunity to have another bite at the cherry.[5]"*

11. Apparti minn hekk, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ippreseduta mill-Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon, wissiet li:

> "Ir-rikuża mhux ħaġa ta' konvenjenza iżda ta' Ġustizzja u għalhekk sabiex wieħed jirrikorri għaliha, ir-raġuni trid tkun fondata; altrimenti tagħti lok għall-abbuż.[6]"

---

[3] De Cubber judgment of 26 October 1984, Series A no. 86, pp. 13-14, para. 24;
[4] op.cit. para. 26.
[5] Hoong Phun, Dekan tal-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Auckland u mħallef fil-Qorti tal-Appell fi New Zealand, ikkwotat fil-ktieb Judicial Recusal: Principles, Process and Problems ta' Grant Hammond, 2009.
[6] Cecil Pace v Prim Ministru 06.10.2011 Prim'Awla, konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.

12. Il-House of Lords, **f'Porter v Magill** iddikjarat li dak li għandu jiġi stabbilit hu jekk:

> *"The fair minded and informed observer, having considered the facts, would conclude that there was a real possibility of bias.*[7]*"*

13. Fi kliem **Lord Woolf** – awtur tal-Woolf Reforms li ġiebu riforma radikali fis-sistema ta' ġustizzja ċivili Ingliza - il-

> *"fair minded and informed observer" "could be expected to understand the legal traditions and culture of this jurisdiction. He regarded those to be sufficient safeguards of high standards of integrity*.[8]"

14. Woolf kien qiegħed jikkummenta f'kawża fejn l-Imħallef kien klijent tal-avukat tal-attur, li ma żammlux flus meta biddillu t-testment.[9] Tenut kont li l-bniedem raġonevoli kellu jkun jaf sew it-tradizzjonijiet u l-kultura tan-nies tal-liġi, il-Privy Council, f'appell minn New Zealand, iddeċieda li l-assoċjazzjoni preċedenti ta' klijent u avukat bejn xhud u Imħallef tmien snin qabel ma kinitx issarraf f'imparzjalità.[10]

15. F'kawża oħra ġie ritenut li:

> "*The fair minded and informed observer would not discount the matters of judicial training, experience and ethos.*[11]*"*

---

[7] Porter v Magill (2001) UKHL 67.
[8] De Smith's Judicial Review, 8th ed. 2018, paġna 551.
[9] Taylor v Lawrence (2002) EWCA Civ 566.
[10] Man O'War Station Ltd v. Oakland City Council (no 1) (2002) UKPC 28.
[11] Resolution Chemicals (2013) EWCA Civ 1515.

16. **Lord Browne-Wilkonson** qal fil-kawża ta' Pinochet, li:

> "*The fact that the Law Lord's wife was employed by Amnesty International would not lead to automatic disqualification.*"

17. **Il-Qorti tal-Appell Ingliża** qalet li:

> "*The fact that the husband of the judge was a barrister in chambers that undertook work for one of the parties neither led to automatic disqualification nor, in the circumstances, to any implication of bias.*[12]"

18. **Il-fehma tal-litigant li jitlob ir-rikuża hija importanti, iżda mhix deċiżiva.** Ċertament mhix fehma oġġettiva, anke jekk tista' tkun ġusta:

> "*The standpoint of those claiming that it is not impartial is important but not decisive. What is decisive is whether the fear can be held to be objectively justified.*[13]"

19. **Il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f`kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża**. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita` li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv tal-imparzjalità, anke kif mifhum mill-Qorti

[12] Jones v Das Legal Expenses Insurance Co Ltd (2003) EWCA Civ 1071; (2004) IR.L.R. 218.
[13] Dan kollu jwassal lil din il-Qorti tikkonkludi illi, kif irriteniet il-Qorti Ewropea fil-każ St. Leonard's Band Club vs Malta deċiża fid-29 ta' Lulju 2004 ) b'referenza wkoll għall-każ ta' Ferrantelli and Santangelo vs Italy,

Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi **oġġettivament riskontrabbli**.[14]

> "*The Court of Appeal observed that 'the opinion of the notional informed and fair-minded observer is not to be confused with the opinion of the litigant. Indeed, the litigant has been noted to not be the fair-minded observer, lacking the objectivity which is the hall-mark of the fair-minded observer, being 'far from dispassionate'; since litigation is a stressful and expensive business, most litigants are likely to oppose anything that they perceive might imperil their prospects of success, even if, when viewed objectively, their perception is not well-founded.*"

20. Il-Qorti żieded tgħid li dan it-test:

> *"Ensures that there is a measure of detachment in the assessment of whether there is a real possibility of bias.*[15]"

21. Kif ipoġġiha tant tajjeb **Lord Denning:**

> "*In considering whether there was a real likelihood of bias, the Court does not look at the mind of the justice himself… It does not look to see if there was a real likelihood that he would, or did, in fact favour one side at the expense of the other. The court looks at the impression which would be given to other people. Even if he was as impartial as could be, nevertheless if right-minded persons would think that, in the circumstances, there was a real likelihood of bias on his part, then he should not sit. And if he does sit, his decision cannot stand.*"

22. Fil-kuntest tal-imparzjalità oġġettiva, l-apparenza hija importanti għall-kunfidenza li l-Qrati jridu jnisslu fil-pubbliku f'soċjetà demokratika.

---

[14] Ara : Qorti Kostituzzjonali: Dr Joseph Zammit Tabona et v. Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja et : 25 ta` Novembru 2016 ; QK : 12 ta` 12 ta` Gunju 2017 : Joseph Borg et v. Onorevoli Prim Ministru et ; QK : Antonio Pace et v. Rev Henry Abela OP et noe : 26 ta` Frar 2009.

[15] De Smith's Judicial Review, 10-017, page 453. L-awtur jikkwota l-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra in re: Herb v Aziz (2016) EWCA Civ 556.

23. Applikati l-prinċipji suesposti għall-każ preżenti, osservatur ġust ta' din is-sitwazzjoni posta mill-appellant jasal għall-konklużjoni li Imħallef li kien aggredit minn litigant jista' jidher li jkollu motiv biex ixaqleb il-miżien tal-ġustizzja kontra tiegħu, anke jekk dan ma jkunx fil-fatt il-każ.

24. Għall-motivi suesposti, ir-rikors qiegħed jiġi milqugħ u l-Imħallef Grazio Mercieca qiegħed jiġi rikużat mis-smigħ ta' dan il-każ.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da